# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 20 ta' Mejju 2021**

**Kawza Numru: 9**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 879/2017 JVC**

**Mark Cini (17473M), Simone Azzopardi (389470M) u Yvette Farrugia (473568M)**

**vs**

**Michael Paul Asciak, William John Asciak u Ronald Asciak**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Mark Cini et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-atturi esponenti huma it-tfal tal-mejta Maria Letizia li, minn naha taghha, flimkien mal-konvenuti, huma l-unici ulied tal-mejtin Paul Asciak u martu Carolina Asciak li mietu rispettivament fil-21 ta' April 2015 u fil-16 ta' Ottubru 1996 u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat tal-mewt tal-imsemija genituri, hawn annessi u markati bhala Dok MC1 u Dok MC2.

2. Illi l-imsemmija Carolina Asciak mietet bit-testment taghha única carta tal-02 ta' April 1993 fl-atti tan-nutar Francis Micallef (ara Dokument MC3 hawn anness) u konsegwentement skond dan it-testment l-eredita` taghha inqasmet hekk u cioe` kwart tal-assi taghha lill-konjugi superstiti taghha bid-dritt tal-uzufrutt fuq ir-rimanenti tlett-kwarti tal-istess assi taghha. Inoltre it-testatrici istitwiet lil kull wiehed mit-tlett konvenuti bhala eredi taghha f'sehem ta' kwart indaqs bejniethom bir-rimanenti kwart jinqasam egwalment bejn it-tlett atturi, ulied bintha premorjenti, l-imsemmija Maria Letizia.

3. Illi il-mejta Carolina Asciak kienet tat lis-superstiti zewgha il-fakolta` li jbiddel il-parti tieghu mit-testment única carta taghhom hawn fuq imsemmi u l-istess Paul Asciak usufruwixxa ruhu minn din il-fakolta` u bit-testment tieghu tal-21 ta' Gunju 2003 (ara Dokument MC4 hawn anness) huwa iddizeredita lill-atturi ai termini tal-artiklu 623[e] tal-Kap 16 tal-ligijiet maltin *"stante li l-imsemmija neputijiet huma hatja lejn it-testatur ta' offizi gravi"* u ghadda biex istitwixxa lit-tlett uliedu konvenuti b'eredi universali assoluti unici tieghu.

4. Illi l-eredita' tal-istess Carolina Asciak ghadha sallum qatt ma inqassmet stante li kienet suggetta ghall-uzufrutt ta' zewgha Paul Asiak u l-esponenti jafu illi wara li gie nieqes l-istess Paul Asciak, il-konvenuti qabdu u qasmu kollox, u cioe inkluz l-assi

tan-nanna l-imsemmija Carolina Asciak, ad eskluzjoni ta' xejn, bejniethom it-tlieta, b'mod li dak li kien jispetta lill-atturi minn nanniethom, Carolina, baqghu ma haduhx. Mhux biss izda l-atturi lanqas biss ma inghataw il-possibilita` jaraw humiex ser jikkontestaw it-testment ta' nannuhom tal-21 ta' Gunju 2003, kif formalment qed jaghmlu permezz tal-presenti proceduri.

5. Illi l-esponenti atturi jafu li l-istess konjugi Asciak, apparte flus fil-banek u xi investimenti ohra hawn Malta setghu kellhom ukoll investimenti barra minn Malta billi l-istess Paul Asciak hadem fit-tul barra minn Malta ukoll.

6. Illi il-konvenuti mitluba separatament sabiex jaslu f'akkordju amikevoli baqghu inadempjenti.

7. Illi mhux minnu illi l-atturi huma hatja ta' offizi gravi fil-konfront ta' nannuhom Paul Asciak u ghalhekk, fic-cirkostanzi, huma intitolati jircevu dak li kien jispetta lil kull wiehed minnhom mill-eredita` ta' nanniethom u ghandhom id-dritt li jircevu il-legittima mill-eredita ta' nannuhom Paul Asciak u dan stante li ma kienux hatja ta' offizi gravi lejh u dan ai termini ta' dak li jipprovdi l-artiklu 618 tal-Kodici Civili. Illi ghal kul buon fini jinghad li, skond il-ligi, kien jispetta lit-testatur Paul Asciak, u issa lill-konvenuti, li jipprova/w l-allegazzjoni tieghu li l-atturi kienu hatja ta' offizi gravi fil-konfront tieghu.

8. Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandiex din il-Qorti, [1] tistabilixxi u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-mejtin Paul u Carolina Asciak oltre li tistabbilixxi l-assi partikolari ta' kull wiehed minnhom rispettivament, billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'dawk il-beni li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza u tigi ordnata il-qasma ta' dawn l-assi f'zewg ishma, li

wiehed jigi assenjat lill-assi partikolari tal-mejta Carolina Asciak u l-iehor lill-assi partikolari tal-mejjet Paul Asciak, [2] taqsam u tiddevidi l-assi ereditarji appartenenti lill-eredita` tal-mejjet Paul Asciak u lill-eredita` tal-mejta Carolina Asciak u dan billi l-istess eredita` ta' Carolina Asciak tigi assenjata egwalment bejn il-konvenuti kwart kull wiehed bir-rimanenti kwart jinqasam egwalment bejn l-atturi f'sehem indaqs bejniethom, [3] tillikwida l-porzjoni rizervata (terza parti) dovuta lill-atturi rikorrenti indivizament bejniethom mill-assi tal-mejjet Paul Asciak u dan b'mod li tigi ordnata li tithallas fi flus kontanti, [4] tikkundanna lill-konvenuti, solidalment bejniethom, sabiex ihallsu lill-atturi dak li jispetta lilhom mill-eredita` tal-mejta Carolina Asciak, u cioe` il-kwart mill-assi taghha, [5] tikkundanna lill-konvenuti, solidalment bejniethom, sabiex ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata favur taghhom, rappresentanti is-sehem lilhom riservat skond il-ligi, mill-eredita` tal-mejjet Paul Asciak – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti intimati li minn issa jibqghu ingunti ghas-subizzjoni taghhom.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Michael Paul Asciak et li eccepew kif isegwi:

1. 'Illi permezz tat-testment datat 2 ta' April 1993 ta' ommhom, Carolina Asciak, l-esponenti rcevew biss is-sehem taghhom personalment mill-eredita` taghha, u xejn aktar, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza. Inoltre, id-defunt missierhom Paul Asciak kien ukoll ghadda s-sehem tal-atturi mill-eredita` ta' Carolina Asciak lill-atturi wara l-mewt tal-istess Carolina Asciak;

2. Illi d-defunt Paul Asciak kellu ragunijiet validi skont il-Ligi ghaliex huwa ghazel illi jiddizeredita lill-atturi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Illi ghaldaqstant l-ebda ammont mhuwa dovut mill-atturi kif minnhom pretiz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat l-affidavits, xiehda, certifikati, testmenti, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-21 ta' Novembru, 2017 il-Qorti kif diversament preseduta ordnat l-inverzjoni tal-provi fuq il-kwistjoni tal-gustifikazzjoni tad-dizereditar tal-atturi kollha;

Rat illi fil-verbal datat 10 ta' Dicembru, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**<u>Fatti fil-Qosor:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

1. Illi l-atturi Mark Cini, Simone Azzopardi u Yvette Farrugia huma ulied il-mejta Maria Letizia maghrufa bhala Marion Cini. Din tal-ahhar u cioe' Maria Letizia Cini, flimkien mal-konvenuti Michael Paul, William John u Ronald Joseph huma lkoll ulied il-mejtin Paul u Carolina Asciak.

2. Illi Carolina Asciak mietet nhar is-16 ta' Ottubru, 1996 (ara certifikat tal-mewt a fol. 5 tal-process) u rregolat il-wirt u successjoni taghha permezz ta' testment *unica charta* tat-2 ta' April, 1993 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef (ara testment a fol. 7 *et seq* tal-process).

   Il-konjugi Asciak fil-hames artikolu tal-imsemmi testment *unica charta* taw lil min jibqa' haj il-fakulta' illi jibdel il-parti tieghu mit-testment. Filwaqt li rregolaw il-wirt billi hallew kwart tal-assi u l-uzufrutt fuq ir-rimanenti tlett kwarti lis-superstiti u istitwew u nnominaw bhala werrieta universali lill-konvenuti fi kwota ta' kwart kull wiehed u lill-atturi fi kwota ta' kwart indiviz bejniethom.

3. Illi Paul Asciak miet il-21 ta' April, 2015 (ara certifikat tal-mewt a fol. 6 tal-process). Huwa rregola l-wirt u successjoni tieghu permezz tat-testment *unica charta* li kien ghamel ma martu Carolina Asciak tat-2 ta' April, 1993 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef. Madanakollu huwa varja dan it-testment permezz ta' testment iehor tal-21 ta' Gunju, 2003 fl-atti ta' l-istess Nutar Francis Micallef fejn permezz tal-ewwel artikolu kien iddizeredita lill-atturi wlied bintu Maria Letizia maghrufa bhala Marion Cini ai termini tal-Artikolu 623 (e) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) (ara testment a fol. 13 *et seq* tal-process).

4. Illi l-atturi procedew b'din il-kawza fejn qed jitolbu fost affarijiet ohra li (i) tigi stabbilita' u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn Paul u Carolina Asciak u tistabbilixxi l-assi ta' kull wiehed u wahda minnhom; (ii) tassenja ugwalment fi kwart kull wiehed u r-rimanenti kwart jinqasam bejn l-atturi f'sehem indaqs bejniethom mill-eredita' tal-mejta Carolina Asciak; (iii) tillikwida l-porzjoni riservata dovut lill-atturi indivizament bejniethom mill-assi tal-mejjet Paul Asciak; (iv) tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom jhallsu lill-atturi dak li jispetta lilhom mill-eredita' tal-mejta Carolina Asciak; u, (v) tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata rapprezentanti s-sehem riservat mill-eredita' tal-mejjet Paul Asciak.

**<u>Konsiderazzjonijiet:</u>**

Illi din id-decizjoni titratta unikament dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u cioe' l-kwistjoni ta' dizeredazzjoni tal-atturi mill-wirt u successjoni tal-mejjet Paul Asciak. Il-konvenuti eccepew kif isegwi:

> '2. Illi d-defunt Paul Asciak kellu ragunijiet validi skont il-Ligi ghaliex huwa ghazel illi jiddizeredita lill-atturi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;'

Illi Paul Asciak kif gja nghad miet nhar il-21 ta' April, 2015 u bit-testment tieghu tal-21 ta' Gunju, 2003 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef fl-ewwel artikolu tieghu huwa ddizereda lin-neputijiet tieghu l-atturi Mark Cini, Simone Azzopardi u Yvonne Farrugia wlied bintu l-mejta Maria Letizia maghrufa bhala Marion Cini:

**'L-EWWEL ARTIKOLU.**

It-testatur qieghed jirrevoka "in toto" ir-Raba'Artikolu tal-imsemmi testment principali tieghu fl-atti tieghi tat-2 ta' April tas-sena 1993 daqs li kieku qatt ma sar u floku qieghed jissostitwixxi ghalih dan li gej:-

"It-testatur qieghed jiddiseredita` ghal kollox minn gidu t-tfal tal-mejta bintu Maria Letizia maghrufa Marion u dana ai termini tal-Artikolu numru sitt mija u tlieta u ghoxrin sub-Artikolu numru sitt mija u tlieta u ghoxrin sub-Artikolu e (Art. 623(e) tal-Kodici Civili stante li l-imsemmija neputijiet huma hatja lejn it-testatur ta' offiza gravi u ghalhekk b'eredi universali proprietarji assoluti unici tieghu t-testatur qieghed jinnomina u jistitwixxi t-tliet (3) uliedu li jisimhom William-John, Ronald-Joseph u Michael-Paul, ahwa Asciak, indaqs bejniethom, bis-sostituzjoni tal-ulied u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom".

Minn qari ta' dan l-ewwel artikolu, il-Qorti tinnota li t-testatur Paul Asciak iddizeredita lill-atturi neputijiet, u bhala raguni ghal tali diseredazzjoni gie ndikat il-paragrafu (e) tal-Artikolu 623 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Madanakollu, il-Qorti tinnota wkoll li t-testatur Paul Asciak ma fissirx b'mod car il-fatti li kellhom jaghtu lok ghad-diseredazzjoni kif jitlob l-Artikolu 622 tal-Kodici Civili. Infatti, dan l-Artikolu 622 jesigi mhux biss li d-dizeredazzjoni tkun dikjarata bhala wahda mir-ragunijiet msemmija fl-Artikolu 623 tal-Kodici Civili, pero' jesigi wkoll li din ir-raguni tkun '...***imfissra fit-testment***' (enfazi tal-Qorti).

Fix-xiehda moghtija bil-procedura tal-affidavit, il-konvenuti kollha jittentaw jiggustifikaw ir-raguni ghalfejn missierhom Paul Asciak

iddizereda n-neputijiet tieghu l-atturi (ara affidavit ta' William, Ronald u Michael ahwa Asciak a fol. 27 *et seq* tal-process). Prattikament il-konvenuti kollha jaghtu l-istess raguni u cioe' li skonthom l-atturi u cioe' n-neputijiet tat-testatur abbandunawh, partikolarment minn wara l-mewt ta' martu Carolina Asciak billi qatt ma kienu jfittxuh, jzuruh u jaghmlu kuntatt mieghu. Evidentement mit-testment tal-mejjet din ir-raguni ma tohrog minn imkien. Din il-Qorti tqis li l-Artikolu 622 tal-Kodici Civili jipprovdi li r-raguni kellha tkun imfissra sew mit-testatur fit-testment u mhux mill-eredi li fit-termini tal-Artikolu 625 sub-artikolu 1 huma obbligati biss li jippruvawha. Hekk jghid is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 625 tal-Kodici Civili illi:

> '(1) Ir-raguni tad-dizeredazzjoni ghandha tigi ppruvata minn dak li jsostni d-dizeredazzjoni.'

Illi fis-sentenza tas-7 ta' Jannar, 1936 fil-kawza fl-ismijiet **Giovanni Bartolo -vs- Antonio Bartolo et** fir-rigward li r-raguni tad-dizeredazzjoni ghandha tkun imfissra sew mit-testatur inghad illi:

> '…una volta ma hemmx ebda fatt li jammonta ghal motiv ta' dizeredazzjoni, allura d-dizeredazzjoni ta' l-attur (ommissis) ma hix sostenibili, u l-attur ghandu d-dritt ghal-legittima.'

Dwar id-dizeredazzjoni l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Dorothy Grech -vs- Deborah Fenech De Fremaux** elaborat billi qalet illi:

> 'Illi l-jedd tad-diżeredazzjoni huwa kontrollat mill-awtorita' ġudizzjarja biex jiġi mistħarreġ jekk kemm-il darba r-raġuni msemmija mit-testatur kinitx tiswa jew le. Testatur li jagħmel

użu ħażin minn dak il-jedd jitqies bħallikieku ma eżerċitahx[1]. Il-gravita' tar-raġuni li dwarha testatur jista' jiddeżereda werriet għandha tkun tali li mhux kull għamil meqjus bħala offensiv mit-testatur jagħti raġuni għad-diżeredazzjoni[2];

Illi d-diżeredazzjoni hija meqjusa bħala ċirkostanza eċċezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jħalli barra mill-wirt tiegħu lil min, mod ieħor, huwa bil-liġi mħolli dak il-jedd. Fi kliem ieħor, f'sistema ġuridiku bħalma huwa dak Malti fejn it-testatur m'huwiex mogħti liberta' sħiħa dwar kif jiddisponi minn ġidu għal wara mewtu, id-diżeredazzjoni hija "rimedju" li jingħata lit-testatur dwar persuna li – kieku mhux għal raġuni serja u gravi maħsuba fil-liġi[3] – kien ikollha jedd għal-leġittima. Hija ċirkostanza li tmur kontra r-regola, u għalhekk hija mħarsa b'normi speċjali bil-għan li persuna ma titneħħiex kapriċċjożament mill-jedd li tieħu s-sehem minimu li jmissha skond il-liġi. Fuq kollox, id-diżeredazzjoni hija għamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minħabba xi għamil jew omissjoni li għaliha jkun jaħti l-werriet. B'differenza miċ-ċirkostanzi fejn persuna ma jkunx jistħoqqilha tiret lit-testatur[4], id-diżeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jagħżel li jimponiha, u hija meqjusa bħala istitut odjuż li jmissu jitneħħa[5]. Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-aħħar fil-liġi tas-Suċċessjoni, id-diżeredazzjoni tal-axxendenti tneħħiet[6], iżda l-leġislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titneħħa wkoll dik tad-dixxendenti;

---

1 App. Civ. 14.11.1938 fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo et vs Camilleri noe et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.240**)

2P.A. **20.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard Montalto vs Attard Montalto*** (Kollez. Vol: XXXIII.ii.357)

3 Raġuni serja u gravi biżżejjed li tista' ċċaħħad il-jedd tal-manteniment skond l-artikolu 32 tal-Kap 16

4 Ara l-art. 605(1) tal-Kap 16

5 Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession ,paġġ. 1003-4

6 L-artikolu 624 tal-Kodiċi Civili tħassar bl-art. 65 tal-Att XVIII tal-2004

Illi l-liġi trid li r-raġuni tad-diżeredazzjoni tissemma espressament fit-testment[7] u l-prova tagħha trid issir mill-persuna li tallegaha[8]. Ir-raġuni li tissemma trid ukoll tkun waħda mir-raġunijiet imsemmijin fil-liġi f'lista li hija tassattiva u ma tippremetix tifsir b'analoġija. It-tifsir tar-raġuni tad-diżeredazzjoni għandu jkun wieħed restrittiv favur il-persuna mneħħija mill-wirt u mhux tifsir kontriha[9]. Iżda fejn ir-raġuni għad-diżeredazzjoni ma tissemmiex jew ma tiġix pruvata, l-persuna li tkun tneħħiet mill-wirt ikollha biss jedd għal-leġittima[10]. Dan huwa sewwasew dak li qegħda titlob l-attriċi fl-azzjoni tagħha;'

It-testatur Paul Asciak ikkwota l-paragrafu e tal-Artikolu 632 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jikkontempla d-dizeredazzjoni fil-kaz illi:

'(e) jekk id-dixxendent kien hati lejn it-testatur ta' offiza gravi;'

A propozitu ta' 'offiza gravi' fit-termini tal-Artikolu 623 (e) gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Maria Salvini dei Baroni Attard Montalto -vs- Tabib Dr Angelo dei Baroni Attard Montalto** deciza fid-29 ta' Marzu, 1949 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi:

'Dik l-ingurja gravi pero' ma tikkomprendix il-kondotta hazina ta' l-ulied jew axxendenti ohra.
Dik il-kondotta hazina, pero', tista' tkun tikkonsisti f'atti ta' krudeltà abitwali, jew f'atti li bihom it-tifel jew dixxendent iehor jaghmel apposta biex jinki u jwegga' l-qalb tal-genitur jew axxendent, jew f'atti li bihom inaqqaslu l-istima u r-

[7] Art. 622 tal-Kap 16.
[8] Art. 625(1) tal-Kap 16.
[9] P.A. **7.1.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo vs Bartolo et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.880**).
[10] Art. 629 tal-Kap 16

> riputazzjoni tieghu. Taht dan l-aspett dik il-kondotta hazina tista' tkun motiv tajjeb ghac-cahda ta' l-alimenti; imma allura ma tkunx il-kondotta hazina li timmotiva c-cahda, izda l-mohqrija ta' l-axxendent da parti tad-dixxendent, u mhux il-kondotta hazina in generali.'

Illi bhal ma gia nghad, il-gustifikazzjoni migjuba mill-konvenuti ghad-dizeredazzjoni hija dik li l-atturi, neputijiet tat-testatur, abbandunaw lit-testatur u dan partikolarment minn wara l-mewt ta' Carolina Asciak fejn ma baqghux izuruh u jaghmlu kuntatt mieghu, nkluz meta gie rikoverat l-isptar.

Imiss ghalhekk, li jigi ezaminat jekk effettivament hux minnu li l-atturi kkommettew dan l-abbandun fil-konfront tat-testatur, u, jekk effettivament dan l-abbandun jikkwalifikax bhala - 'offiza gravi' fit-termini tal-paragrafu (e) tal-Artikolu 623 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-konvenuti ahwa Asciak jaqsmu n-nota' ta' sottomissjonijiet taghhom intavolata nhar is-16 ta' Frar, 2021 (a fol. 157 *et seq* tal-process) f'sezzjonijiet relatati ma' perijodi partikolari u avvenimenti partikolari. Il-Qorti ma thosx li ghandha ghalfejn tidhol fl-ezami tad-diversi perijodi u tad-diversi okkazzjonijiet stante li da parte tal-atturi mhux ikkuntestat li bejn il-partijiet kien hemm nuqqas ta' kuntatt, ghalkemm mhux fl-estrem li qed jittentaw igibuha l-konvenuti.

Il-Qorti tinnota li bejn il-partijiet kollha hemm qbil li r-raguni vera u proprja ghaliex kien inqata' l-kuntatt bejn il-partijiet – testatur vis-à-vis l-atturi, u, l-atturi vis-à-vis il-konvenuti ma kienx hemm. F'certu punt il-konvenuti jittentaw jattribwixxu tort tal-abbandun, lill-kwistjonijiet li kienu nqalghu fil-passat, b'referenza ghar-

relazzjoni turbolenta li kienet tezisti bejn missier l-atturi Vladimir maghruf bhala Miro Cini u t-testatur Paul Asciak. Madanakollu din il-Qorti ser tiskarta din ir-raguni stante li jekk verament din il-Qorti kellha tikkunsidra tali raguni, ikollha tasal ghall-konkluzjoni li l-abbandun sar da parti tat-testatur u mhux da parti tal-atturi ikkunsidrat li l-atturi kienu estranei ghall-kwistjonijiet imsemmija.

Illi mill-atti l-Qorti tqis li l-persuna li ddeskriviet bl-ahjar mod ir-relazzjoni ezistenti bejn it-testatur u l-atturi kienet l-attrici Simone Azzopardi fil-kontro-ezami datat 22 ta' Settembru, 2020 (fol 108):

'Dr A Falzon: Issa lin-nannu inti qatt kont saqsejtu ghala kien hemm din il-forma ta' bruda anke jekk nifhem illi kienet gejja miz-zewg nahat?

Xhud: Le le le ma kienx hemm bruda li nitkellmu dwarha. In-nannu jiena qatt ma, nerga' nghidlek jigifieri meta zzewigt in-nannu gie u ha pjacir it-tieg u ghandi r-ritratti tieghu mieghi fit-tieg. U kien ghadu ma regax izzewwweg imbaghad, imma ma kellna l-ebda. U laqqajtu mar-ragel tieghi jigifieri kont hadtu qabel izzewigt biex laqqajt ir-ragel tieghi mieghu. Jigifieri ma kienx hemm, ma kienx hemm, ok kien hemm forsi birda li min-naha tat-tnejn u. Issa ma nafx inti mintix nanna, jiena minix nanna pero nassumi li kienu jiena xi darba nsir nanna, nigri warajhom jien hux in-neputijiet biex. Issa jekk m'hemmx dik il-gibda li nigri warajhom mela hemm birda mutual.

Dr A Falzon: Allright jigifieri.

Xhud: Kien hemm birda mutual. Kien hemm birda mutual mela forsi.'

Il-fatt li kien hemm bruda bejn it-testatur u l-atturi tirrizulta b'mod car mill-atti. Din il-Qorti tirrileva li dan il-fatt ma kienx gej biss min-naha tal-atturi, pero' kien gej ukoll min-naha tat-testatur. Din il-Qorti taghmel referenza partikolari ghall-avveniment meta t-testatur Paul Asciak izzewweg ma' Beatrix sive Bice Asciak fejn it-testatur lanqas ha l-inizjattiva li jistieden lin-neputijiet, l-atturi fil-kawza odjerna. Ix-xhud Beatrix sive Bice Asciak in kontro-ezami kkonfermat li l-atturi ma gewx mistiedna ghat-tieg ghalkemm ma tatx raguni ghal tali decizjoni (ara kontro-ezami a fol. 46 *et seq* tal-process). Irid jinghad li l-kronologija tal-fatti kienet li t-testatur Paul Asciak izzewweg lill-Beatrix sive Bice Asciak ftit wara li l-attrici Simone Azzopardi kienet izzewget, bit-testatur Paul Asciak jattendi t-tieg tal-istess attrici. Isegwi allura li li t-testatur ma kellux skuzi li ma jistidinx lill-attrici ghaliex ma kienx hemm kuntatt. Il-Qorti tqis li din hija prova cara li kien l-istess testator li b'ghazla tieghu personali kien ghazel li jaqta l-kuntatt man-neputijiet tieghu l-atturi.

Irrizulta li n-nuqqas ta' kuntatt kien ukoll jezisti bejn l-atturi u l-konvenuti u tirrizulta b'mod car ukoll mill-atti partikolarment mill-kontro-ezamijiet tal-konvenuti (ara kontro-ezami tal-konvenut William Asciak a fol. 59 *et seq* tal-process u tal-konvenuti Ronald u Michael ahwa Asciak a fol. 81 *et seq* tal-process). Di fatti meta l-konvenuti gew mistoqsija jekk kellhomx kuntatt mal-atturi, ghajr ghall-kuntatt f'dak il-perijodu meta ohthom Maria Letizia Cini kienet marida, kollha kkonfermaw li le. Jirrizulta li fl-unika avveniment li giet organizzata sabiex titlaqqa l-familja u t-testatur jiltaqa' man-neputijiet kienet dik organizzat minn Tanya Asciak. Madanakollu f'dak l-avveniment hadd mill-konvenuti m'attenda daqs li kieku apposta ghaliex kien ser ikun hemm ukoll l-atturi. Mhux l-istess jista jinghad ghall-atturi u wliedhom li kienu prezenti

u jsostnu li dakinhar kellhom kuntatt tajjeb man-nannu.

Dwar il-kwistjoni tal-abbandun min-naha tal-atturi fl-okkazzjonijiet meta t-testatur Paul Asciak kien rikoverat fl-isptar, il-Qorti rat li in kontro-ezami l-konvenuti kollha kkonfermaw li hadd minnhom ma ha l-inizjattiva li jaghmel kuntatt mal-atturi sabiex jinfurmawhom li n-nannu kien l-isptar, il-minimu li setghu jaghmlu. Huwa evidenti li b'din l-attitudni l-konvenuti ma ghenux wisq sabiex itejjbu r-relazzjoni ta' bejn it-testatur u l-atturi! Il-konvenuti lanqas infurmaw lill-atturi li n-nannu Paul Asciak kien gie nieqes u x-xhud Yvette Farrugia tghid li saret taf mill-midja socjali.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti jistaghbu ghaliex ix-xhud Yvette Farrugia qalet li saru jafu bil-mewt tat-testatur Paul Asciak tramite l-midja socjali. Jargumentaw li *'…l-abbandun mill-atturi, neputijiet tieghu kien tant gravi li kieku ma kienx ghas-social media peress illi kien persuna maghrufa "Nahseb smajna b'xi mod. Illum is-socjal media malajr tisma." – lanqas kienu jkunu jafu ghadux haj jew mejjet litteralment!'*. Il-Qorti tqis li l-izball sar da parti tal-konvenuti u mhux da parte tal-atturi. Il-minimu li setghu jaghmlu l-konvenuti kienet li jinfurmaw lill-atturi li t-testatur kien gie nieqes stante li kienu l-konvenuti li allegatament kellhom kuntatt kontinwu mat-testatur. L-abbandun kien jista jigi argumentat li rrizulta li kieku l-atturi kienu gew infurmati bir-rikoveru tat-testatur u l-atturi ghazlu li ma jmorrux izuruh. Dan ma jistax jinghad li kien nuqqas da parti tal-atturi.

Illi minn analizi tal-provi kollha fl-atti l-Qorti tqis li rrizulta sufficjentement pruvat li n-nuqqas ta' kuntatt bejn l-atturi u n-nannu patern sehh fil-principju minhabba ragunijiet atribwibbli lill-istess nannu patern li ma kellux relazzjoni tajba ma' missierhom (ir-

ragel ta' bintu) u n-neputijiet spiccaw baghtew min-nuqqas ta' nannuhom rizultat ta' hekk. L-atturi trabbew f'ambjent fejn in-nannu patern ma kienx igib lil missierhom u tilfu lill-ommhom (bint id-decujus) f'eta zghira hafna. In-nannu patern flok prova jsahhah ir-relazzjoni li huwa kellu bhala nannuhom man-neputijiet, li kien ghadhom tfal / zaghzagh, jirrizulta li ma ghamilx dak li hu mistenni minn kull nannu u nanna u qata l-kuntatt minn maghhom. Ghall-kuntrarju l-atturi mill-ftit li setghu jirrizulta li pruvaw izommu kuntatt ma nannuhom izda dan baqa jippersisti bl-agir tieghu tant li lanqas stedinhom ghat-tieni zwieg tieghu. Tant id-decujus kien konvint li b'xi mod in-neputijiet atturi kellhom ipattu ghall-fatt li ommhom izzewget persuna li hu ma riedx li kien lura fis-sena 2003 li qabad u ghamel il-klawzola tad-dizeredazzjoni u wara l-istess baqa ghaddej bl-agir tieghu li ma jzommx kuntatt maghhom u jitfa t-tort fuqhom. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li kienu l-atturi li abbandunaw lil nannuhom.

Fid-dawl ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tinsab konvinta li r-raguni ta' abbandun avvanzata mill-konvenuti bhala gustifikazzjoni li t-testatur iddizereda lin-neputijiet atturi f'din il-kawza mill-wirt bl-uzu tal-kliem 'offiza gravi', ma tissoddisfax dak il-grad tal-prova rikjesta mill-ligi u ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni sollevata mill-intimati.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi it-tieni eccezzjoni mressqa mill-intimati billi tghaddi sabiex tichad l-istess u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez  ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati kollha mill-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**20 ta' Mejju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Mejju, 2021**